**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 008/2017**

**VG u RG**

**(l-ilmentaturi)**

**vs**

**MAPFRE MSV LIFE p.l.c. (C 15722)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-13 ta' Marzu 2018**

**L-Arbitru:**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jghid illi fl-1991 kien xtara *LIFE POLICY* mal-provditur tas-servizz ghal 25 sena.

Ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien ghamlilhom kemm kellhom ihallsu fis-sena u l-ammont kien 149.80 liri Maltin u ghamlilhom kalkolu kemm kellha titla' s-somma li kienu jiehdu li kienet hdax-il elf u sitt mija u tlieta u tletin liri Maltin sa hmistax-il elf mija u tmienja u disghin liri Maltin.

Ta' dan l-ilmentaturi ipprezentaw karta[1] li kien hadmilhom l-istess rapprezentant tal-provditur tas-servizz.

Dak li qed joffrilhom il-provditur tas-servizz issa ma jirriflettix x'hemm imnizzel fil-kuntratt. Offrewlhom biss is-somma ta' hmistax-il elf, hames mija u tnejn u erbghin ewro u hemm diskrepanza kbira bejn hmistax-il elf

[1] A fol 27

ewro ghal hmistax il-elf liri Maltin u ghalhekk ihossuhom '*ittraduti*' mill-provditur tas-servizz.

Il-provditur tas-servizz huwa kontumaci.[2]

Però, kif irritenew diversi drabi l-Qrati taghna kontumacja ghandha titqies li hija kontestazzjoni. Il-Qorti tal-Appell[3] sostniet li ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti.

Imma dan irid isir a bazi tal-provi kif migjuba quddiemu mill-ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz ma jistax jinqeda bin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu biex jipprova jdahhal provi ohra jew iqajjem difizi li ma setax jaghmel, kif ittanta jaghmel f'dan il-kaz, sahansitra jqajjem eccezzjonijiet ta' natura preliminari. F'dan ir-rigward il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Keith John Abela Fitzpatrick kontra Salvatore Cutajar u Leonarda Cutajar (ID 410141M) deciza fl-14 ta' Novembru 2011,** qalet:

**'***Din il-Qorti tghid fl-ewwel lok li ghalkemm il-konvenut Salvatore Cutajar baqa' kontumaci, li titqies bhala kontestazzjoni tal-istanza attrici, huwa pprezenta nota ta' osservazzjonijiet li hija l-unika mezz li jaghtih il-Kap.12 sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tieghu fuq il-provi akkwiziti.*

*Ma jistax konvenut, fi stat ta' kontumacja, jinqeda b'nota ta' sottomissjonijiet sabiex iressaq provi ta' kwalunkwe natura. B'riferenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Salvatore Cutajar fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid mill-ewwel illi hija sejra tiskarta kwalunkwe accenn ta' prova gdida min-naha tieghu, billi dik mhijiex ammissibbli, u taccetta biss u eklussivament sottomissjonijiet minn tieghu dwar provi akkwiziti.'*

Fil-verbal tieghu tas-27 ta' Novembru 2017, l-Arbitru ghamilha cara mal-provditur tas-servizz li n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kellha tkun '*fil-limiti tal-kontumacja'* u mhux biex isservi ta' risposta flok dik li giet sfilzata.

---

[2] Ara decizjoni preliminari a fol 54-58

[3] Fenici Insurance Agency Ltd vs Paul Stoner et, 22/11/2002; u Joseph Vella vs Pierre Cremona, 10/10/2003

L-Arbitru se jqis din-nota f'dawn il-limiti kif imsemmi fil-gurisprudenza 'l fuq ikkwotata.

**Provi**

L-Arbitru ghandu quddiemu biss il-provi mressqa mill-ilmentaturi. Huma jsemmu fl-ilment u xehdu permezz tal-affidavit taghhom illi kienu gew ipprezentati bi tlett '*options'* mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz u dan jippruvawh b'nota miktuba bl-idejn u li giet ipprezentata a fol 27 tal-process.

L-ilmentaturi jghidu, u mhumiex kontradetti, li din in-nota kien ghamilha r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz. Meta wiehed janalizza din in-nota jinnota li hemm tlett xenarji jew '*options*' li huma:

L-ewwel wahda hija meta l-polza tithallas fuq perjodu ta' ghoxrin sena, it-tieni wahda fuq medda ta' hamsa u ghoxrin sena u t-tielet '*option'* inhadmet fuq perjodu ta' tletin sena. Ghal kull xenarju hemm imnizzel figura u, apparti s-somma ta' Lm3,600, hemm imnizzel '*profit'* u l-figura relattiva.

L-ilmentaturi ghazlu t-tieni '*option'* li turi l-figuri hdejn il-kelma *'bonus'* ta' (15,198 – 11,433). L-ilmentatur, VG, xehed hekk:

'*Nghid li r-rapprezentant tad-ditta assikuratrici ikkonvincieni ninvesti f'Option 2, li kienet tfisser illi l-kuntratt kellu jibqa' fis-sehh ghal 25 sena. Dan kien jaghmel sens ghax dak iz-zmien jien kien ghad kelli biss 35 sena. Nghid bil-gurament li r-rapprezentant tad-ditta assikuratrici kien weghedni li kif timmatura l-polza kont ser niehu s-somma ta' €35,000. Dan johrog anke mill-kalkoli esebiti.'*[4]

L-Arbitru m'ghandu l-ebda verzjoni ohra u m'ghandux ghalfejn jiddubita l-verzjoni tal-ilmentaturi ghal kif sehh ix-xiri tal-polza.

[4] A fol 63

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu hu ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[5]

Ghalhekk l-Arbitru huwa marbut li janalizza '*c-cirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz'*. Kwalunkwe difiza generika li tista' ssir mhijiex sostenibbli ghaliex kull kaz irid jigi deciz fuq il-merti specifici tieghu.

L-Arbitru jrid jikkunsidra dak li stabbilielu l-legizlatur li apparti normi guridici li jista' jaghzel skont l-Artikolu 19(3)(c) tal-KAP. 555, irid ukoll ***'jikkunsidra u jiehu kont, b'dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok għall-ilment'.***

Mill-provi li l-Arbitru ghandu quddiemu jista' jikkonkludi li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz wieghed is-somom indikati fuq il-*workings* tieghu a fol 27. L-Arbitru ma jista' jasal ghall-ebda konkluzjoni ohra. Dawn il-figuri m'humiex kwalifikati, nghidu ahna bil-kelma *'projection'* jew '*estimated maturity value'* jew xi kwalifika ohra li jsemmi l-provditur tas-servizz fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Il-figuri huma dawk li jirrapprezentaw tlett xenarji li jvarjaw skont it-tul tal-polza u l-*premium* li kellu jithallas.

Kif suppost tahdem il-polza u x'iddecieda l-*Ombudsman* tal-Ingilterra huwa irrelevanti meta jigu inkwadrati fic-'*cirkustanzi partikolari'* ta' dan il-kaz. Jekk xejn, id-decizjonijiet tal-*Ombudsman* tal-Ingilterra jitkellmu fuq '*projections*', il-ligijiet tal-Ingilterra huma differenti mill-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, u meta kien qed jinbiegh dan il-prodott m'hemm l-ebda prova li dawn issemmew mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz.

L-ilmentaturi ma humiex esperti fil-qasam tal-assikurazzjoni u qaghdu biss fuq dak li setghu jifhmu dak il-hin meta gew imhajra jixtru l-polza. U l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-ilmentaturi '*meta sehhew il-fatti li taw lok ghall-ilment'*, kienu li l-ilmentaturi jiehdu s-somma imwieghda mir-rapprezentant jekk ihallsu l-*premium* mitlub minnhom. Imkien ma gie ippruvat li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien qed jaghmel xi

[5] KAP. 555, Art. 19(3)(b)

*'projections'* jew jindika xi *'estimated maturity value'*. Il-kalkoli fuq dokument a fol 27 tal-process huma kategoriki minghajr ebda kwalifika.

Ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz ghamel distinzjoni bejn x'jiehu wiehed jekk imut (*sum assured*), li hija indikata fuq l-istess dokument, u '*l-profits*' li huma wkoll kwantifikati.

Ghalhekk huwa ragonevoli li persuni li m'humiex midhla tal-qasam tal-assikurazzjoni jifhmu li meta timmatura l-polza jiehdu dawk l-ammonti. Imkien ma gie ippruvat li lill-ilmentaturi intqalilhom li l-polza tiddependi fuq l-investimenti li taghmel il-kumpanija.

Il-legizlatur ried li dawn il-kazi jigu decizi fuq dak li hu gust, ekwu u ragonevoli. Ma jkun gust xejn li rapprezentant ta' kumpanija tal-assikurazzjoni jgholli l-aspettattivi tal-konsumatur biex jixtri l-polza u meta dawk il-weghdiet ma javverawx irwiehhom, jibda jiddeskrivi kif tahdem il-polza. Dan kellu jsir waqt il-bejgh biex il-konsumatur ikun f'pozizzjoni li jaghzel jekk jixtrihiex jew le.

Dan specjalment meta kuntratt bejn assikurazzjoni u assikurat huwa bbazat fuq l-*'uberrima fides'* kif qalu diversi drabi il-qrati taghna.

L-*'utmost good faith'* tal-anqas titlob li l-assikurat jigi pprovdut kemm bil-vantaggi kif ukoll bl-izvantaggi tal-polza. F'dan il-kaz dan mhux ippruvat.

Ghal dawn ir-ragunijiet u fil-kontumacja tal-provditur tas-servizz, l-ilmentaturi irnexxielhom jippruvaw li l-ilment huwa wiehed, ekwu, gust u ragonevoli.

L-Artikolu 26(3) tal-KAP. 555 jipprovdi li jekk l-ilment jigi ppruvat totalment jew parzjalment l-Arbitru jista' jaghti kumpens.

**KUMPENS**

Ghal dak li hu kumpens, l-Arbitru jinnota li l-ammonti imwieghda fid-dokument a fol 27, fil-kaz tat-tieni '*option*' li ghazlu l-ilmentaturi jvarja bejn Lm15,198 u Lm11,433.

Ghalhekk kien hemm firxa fil-limiti ta' dawn il-figuri u mhux kif jghid l-ilmentatur fix-xhieda tieghu li l-ammont li ghandu jiehu huwa ta' €35,000. Dan huwa l-massimu li gie imwieghed.

Anke fl-ghoti tal-kumpens, l-Arbitru jrid ikun ekwu, gust u ragonevoli. A bazi ta' dawn il-kriterji, l-Arbitru jhoss li l-ammont ragonevoli ghandu jkun, bejn wiehed u iehor, fin-nofs ta' bejn dawn iz-zewg figuri u, cioè, bejn il-Lm15,198 u l-Lm11,433.

Allura, l-kumpens ragonevoli ghandu jkun ta' Lm13,000 jew €30,281 minflok is-somma offruta ta' €15,542.03

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jilqa' l-ilment sakemm dan hu kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, jordna lil *MAPFRE MSV LIFE p.l.c*. thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' tletin elf, mitejn u wiehed u tmenin ewro (€30,281) minflok dik offruta.

Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji